2025/1948 24.9.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1948

## tat-18 ta' Settembru 2025

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-UE-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija u fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jistiednu lir-Repubblika tal-Moldova u l-Montenegro jaderixxu ma' dawk il-Konvenzjonijiet u rigward l-adozzjonijiet ta' deċiżjonijiet li jemendaw il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu bħala segwitu għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Montenegro mal-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija [1] u l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu [2] (flimkien "il-Konvenzjonijiet"), konklużi bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju tal-Iżvezja u l-Konfederazzjoni Żvizzera, u daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1988.

(2) Ir-Repubblika tal-Moldova u l-Montenegro esprimew xewqithom li jaderixxu mal-Konvenzjonijiet ladarba jkunu kkonformaw mar-rekwiżiti għall-adeżjoni tagħhom.

(3) Skont l-Artikolu 11(3) tal-Konvenzjoni fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija, il-Kumitat Konġunt bejn l-UE-CTC stabbilit b'dik il-Konvenzjoni jista', permezz ta' deċiżjoni, jadotta stediniet biex pajjiżi terzi jaderixxu ma' dik il-Konvenzjoni.

(4) Skont l-Artikolu 15(3), il-punt (e), tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu, il-Kumitat Konġunt UE-CTC stabbilit b'dik il-Konvenzjoni jista', permezz ta' deċiżjoni, jadotta stediniet biex pajjiżi terzi jaderixxu ma' dik il-Konvenzjoni.

(5) Skont l-Artikolu 15(3), il-punt (a), tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu, il-Kumitat Konġunt UE-CTC stabbilit b'dik il-Konvenzjoni jista', permezz ta' deċiżjoni, jadotta emendi tal-Appendiċijiet ta' dik il-Konvenzjoni. Hekk kif ir-Repubblika tal-Moldova u l-Montenegro jaderixxu mal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu, ser ikun meħtieġ l-adattament rispettiv tad-dokumenti ta' garanzija u, fir-rigward tal-Montenegro, li jiddaħħlu ċerti termini tekniċi bil-Montenegrin.

(6) F'konformità mal-Artikoli 11a(2) u (3) tal-Konvenzjoni fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija u l-Artikolu 15a(2) u (3) tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu, pajjiż terz li jiġi mistieden isir parti kontraenti għandu jagħmel dan billi jiddepożita strument ta' adeżjoni u l-adeżjoni għandha ssir effettiva fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara li jiġi ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni.

(7) Peress li d-deċiżjonijiet li r-Repubblika tal-Moldova u l-Montenegro jiġu mistiedna jaderixxu mal-Konvenzjonijiet u li jemendaw il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu ser ikunu vinkolanti għall-Unjoni, jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitati Konġunti UE-CTC stabbiliti mill-Konvenzjonijiet (il-"Kumitat Konġunt").

(1) ĠU L 134, 22.5.1987, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/1987/267/oj.
(2) ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/1987/415/oj.

(8) Il-Konvenzjonijiet ser jiżguraw proċeduri effiċjenti għall-qsim tal-fruntieri bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Montenegro u l-partijiet għall-Konvenzjonijiet.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitati Konġunti fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li jistiednu lir-Repubblika tal-Moldova u l-Montenegro biex jaderixxu mal-Konvenzjonijiet u li jemendaw il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet mehmuża.

(10) Peress li d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt ser jemendaw il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu, jixraq li dawn jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħhom.

(11) Fil-Kumitat Konġunt, l-Unjoni trid tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

(12) Sabiex tiġi ffaċilitata l-adeżjoni f'waqtha tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Montenegro mal-Konvenzjonijiet, jeħtieġ li din id-Deċiżjoni tiġi adottata mingħajr dewmien,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jistiednu lir-Repubblika tal-Moldova u l-Montenegro biex jaderixxu ma' dik il-Konvenzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' dak il-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-UE-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jistiednu lir-Repubblika tal-Moldova u l-Montenegro jaderixxu ma' dik il-Konvenzjoni u fir-rigward tal-emendi tekniċi li jirriżultaw minn dan għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi tad-deċiżjonijiet ta' dak il-Kumitat Konġunt mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Wara l-adozzjoni tagħhom, id-deċiżjonijiet tal-Kumitati Konġunti msemmija fl-Artikoli 1 u 2 għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Settembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. AAGAARD